MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 685/2012

**TF Clothing Ltd**
**Vs**
**Edward Maggi**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet li hija kreditrici tal-konvenut fl-ammont totali ta' tmien mija u hames ewro u tmienja u tmenin centezmu (€805.88) rapprezentanti hames mitt ewro (€500) bilanc dovut wara bejgh u konsenja ta' merkanzija (invoice no 832 datat 26 ta' Settembru 2011) (Dok TF) u imghax fl-ammont ta' tliet mija u tmienja ewro u hamsa u hamsin centezmu (€308.55) raprezentanti imghax inkwantu ghal tlieta u tmenin ewro u erbatax-il centezmu (€83.14) imghax in konnessjoni ma' invoice 778 ghal perjodu bejn 28 ta' Marzu 2011 u 31 ta' Dicembru 2011; in kwantu ghal tlieta u disghin ewro u tmienja u tletin centezmu (€93.38) imghax in konnessjoni ma invoice 786 ghal perjodu bejn 30 ta' Frar 2011 sa 31 Dicembru 2011 u n-kwantu ghal

mija disgha u ghoxrin ewro u sitta u tletin centezmu (€129.36) imghax in konnessjoni ma’ invoices 832, 836, 838, u 842 minn 1 ta’ Jannar 2012 sa 18 ta’ Mejju 2012; ghaldaqstant l-intimat ghandu jigi kkundannt ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ tmien mija u hames ewro u tmienja u tmenin centezmu (€805.88) kif fuq spjegat; illi ghalkemm interpellat anke b’ittra bonarja datata 31 ta’ Awwissu 2012 l-intimat baqa’ inadempjenti u ma hallas sejn. Bl-imghax ulterjuri kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni. Bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut pprezentata fit-30 t’Ottubru, 2012 li fiha eccepixxa illi ebda somma mhi dovuta mill-konvenut lill-kumpanija attrici u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

Kull ammont dovut lill-kumpannija attrici gie debitament saldat mill-konvenut u dan jif jirrizulta min-noti miktubin bl-idejn fuq l-istess fattura 832 u kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza.

Tul ir-relazzjoni kummercjali bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenut, is-socjeta’ attrici qatt ma talbet il-hlas ta’ nteressi, u dan stante ftehim verbali dwar il-modalita’ ta’ hlas tal-invoices mahruga mis-socjeta’ attrici.

Sema’ x-xhieda u ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ra l-verbal tas-seduta ta’ nhar il-21 t’Ottubru, 2013 bih il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

It-talba odjerna hija ghall-hlas ta’ bilanc dovut wara bejgh u konsenja ta’ merkanzija u jinkludi ukoll talba ghall-hlas ta’ imghax. Il-konvenut qed jikkontesta li l-ammont huwa dovut ghaliex kull amount dovut lill-attur gie saldat u li qatt ma kien hemm ftehim ghall-hlas ta’ nteressi.

Sema’ x-xhieda ta’ Michael Vella, direttur ta’ TF Clothing. li bil-gurament tieghu ddikjara illi huwa kien ibiegh prodotti ta’ hwejjeg lil Edward Maggi ghall-hanut tieghu Sir Edward. L-arrangament kien li x-xoghol kien jinghata b’’invoice’ u li l-klijent jkollu sittin (60) gurnata kreditu. Hu ddikjara illi l-ahhar darba li kkonsenjalu x-xoghol kien fid-19 t’Ottubru 2011 u kien hemm bilanc ta’ hdax-il –elf mitejn wiehed u erbghin ewro u erbghin centezmu (€11,241.40) (ara ukoll dok.TF), illi waqaf ghaliex kien qed jikkonsenja hafna aktar milli qed jigi mhallas. Ghalhekk mit-2 ta’ Marzu 2012 il-konvenut beda jhallas bis-somma ta’ hames mitt ewro (€500) kull hmistax jew tlett gimghat. L-ammont kien jithallas cash u kienu jiktbu fuq l-invoice originali l-ammont li kien ghadu dovut.

Fit-23 ta’ Mejju 2012 kien infurmah li kien hemm pendenzi t’interessi u kien prezentalu invoices ta’ dawn. Pero hu m’accettax li jhallas l-interessi u sar ftehim verbali li l-ammonti kollha dovuti jithallsu sa Gunju 2012, kienu pagamenti ta’ tmien mitt (€800) fil-gimgha u ghalhekk l-attur iddikjara kien lest jinsa l-interessi. (ara ukoll dok pagna 5 u7 ta’ Dok TF). L-*invoice* 832 (ara Dok. TF) kien jibqa’ fil-pusses tal-konvemut pero’ l-attur kien jhazzez u jiffirma hu. Il-kontestazzjoni sart ghaliex il-konvenut informa lill-attur li kien hemm pagament li sar fit-12 ta’ Marzu 2012 pero l-attur ma kellu ebda *records* ta’ dan il-hlas. Illi ghalhekk l-ammont dovut sal-lum huwa ta’ tmien mija u hames ewreo u tmienja u tmenin centezmu (€805.88) ossia hames mitt ewro (€500) bilanc ghal-hlas ta’ merkanzija u tliet mija u tmien ewro (€308) imghax.

Xehed Edward Maggi li ddikjara li hu kien jixtri minghand l-attur ghal ‘l fuq minn hmistax-il (15) sena. L-attur kien jipprovdilu “one lot” ta’ hwejjeg ghall kull stagun imbaghad hu jhallsu f’pagamenti bis-sistemi kif spjega l-attur ghalhekk il-kitba hlief ghall-darba wahda biss is-somma kienet ta’ tliet mitt ewro (€300) huwa kollha tal-attur. Fir-rigward tal-imghaxijiet qatt ma kien hemm ftehim dwar imghaxijiet u l-ewwel darba li sema’ dwar imghaxijiet kien meta nforma lill-attur li ma kienx ser jkompli jixtri minghandu.

Illi l-konvenut ecepixxa illi sar il-pagament, pero Micahel Vella ddikjara illi dan ma sarx. Ma hemmx ricevuti, l-unika tip ta’ prova li hemm hija l-invoice 832 a folio 3. Illi l-ewwel hlas sar fit-2 ta’ Marzu 2011 u hawnhekk jinholoq il-problema li l-konvenut qed jghid li hallas darbtejn: darba fit-2 u darb’ ohra fit-12 ta’ Marzu. Ghalhekk somma ta’ elf ewro (€1000). L-attur xehed li qatt ma sar pagament iehor fit-12 ta’ Marzu (ara email tal- 4 ta’ Gunju 2012).

Illi meta Tribunal ghandu quddiemu kunflitt ta’ provi ghandu jara li min huwa l-aktar kredibili. Ara **Farrugia vs Farrugia**[1] fejn intqal li:-

*“l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita’ u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant”.*

It-Tribunal jinnota li kemm hdejn id-data 2 ta’ Marzu 2011 u anke fit-12 ta’ Marzu 2011 ma hemmx firma tad-direttur. U ghalhekk wiehed jista’ jargumenta li l-lista specfika kienet din tal-parti tal-ahhar tal-invoice. Ta’ min izid ukoll li l-ammont tal-ewwel paga qatt ma jidher li gie mnaqqas mill-bilanc. Ghalhekk jekk qatt sar zball fejn hallas hames mitt ewro (€500) u dan ma tnaqqasx il-konvenut messu indika lill-TF clothing li kien hemm hlas li ma tnaqassx fil-bidu, cioe fit-12 ta’ Marzu. Illi ghalhekk it-Tribunal ihossu konvint illi l-ammont ta’ hames mitt ewro (€500) li thallas fit-2 ta’ Marzu gie erroneament mnizzel bhala 12 ta’ Marzu u li dan l-ammont qatt ma thallas.

Fir-rigward tal-interessi d-debitur, skont il-ligi ghandu dejjem ihallas interessi meta ma hallasx debitu. Illi ghalkemm is-socjeta attrici qaghdet lura milli jgieghel lill-

---

[1] (P.A. - 24 ta’ Novembru, 1966) Ara ukoll **“George Bugeja vs Joseph Meilak”** (P.A.(TM) - 30 ta’ Ottubru, 2003)

kovenut ihallas l-intressi, l-*invoice* tindika bic-car illi hemm sittin (60) jum kreditu u anke 1% fix-xahar bhala rata t' interessi .
*‘1% per month interest will be calculated on overdue amounts from invoice date’.*
Illi ghalhekk galadarba il-pagament huwa dovut u huwa tardiv, l-interssi kif mitluba fl-avviz ghandhom jithallsu.

**DECIDE**
Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut jilqa` t-talba tal-attur u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas, lis-socjeta attrici, s-somma ta’ hames mitt ewro (€500) u tlett mija u tmin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€308.55) u bl-imghaxijiet ulterjuri li jibdew jiddekkorru mid-data ta’ din is-sentenza sal-pagament effettiv, kif mitlubin fl-avviz. Bl-ispejjez jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------